***-SELF-***

***-APPREZZAMENT TA' PROVI-***

***- MIN JALLEGA IRID JIPPROVA -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 23 ta'Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 26**
**Citazzjoni Numru: 2474/97/RCP**

**Alfred Briffa u martu Concetta**

**vs**

**Emanuel Borg u martu Carmen**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi favur l-atturi jezisti kreditu kontra l-konvenuti, u dan fis-somma ta' Lm8,700 rapprezentanti bilanc ta' kreditu favur l-atturi fuq self u hlasijiet fl-interess tal-konvenuti, filwaqt li min-naha l-ohra kien hemm xoghol ta' kostruzzjoni da parti tal-konvenut;

Illi minghajr ragunijiet validi fil-ligi ma giex effettwat il-pagament dovut mill-konvenuti lill-atturi u ghalhekk ghad hemm id-debitu mhux imhallas

L-istess atturi talbu l-konvenuti jghidu ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti ghall-pagament lill-atturi fis-somma ta' Lm8,700 rapprezentanti bilanc ta' kreditu favur l-atturi fuq self u hlasijiet fl-interess tal-konvenuti, fil-waqt li min-naha l-ohra kien hemm xoghol ta' kostruzzjoni da parti tal-konvenuti.

Bl-ispejjez, bl-imghaxijiet istess konvenuti u bl-ingunzjoni tal-istess.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Gunju,1998;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol 9 tal-process:

(1) Illi kontrarjament ghal dak li hemm allegat l-atturi m'ghandhom jiehdu xejn minghand il-konvenuti u dan peress li ma hemm ebda pendenza bejniethom.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol 10 u 11 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-25 ta' Novembru,1998; tat-18 ta' Jannar,1999; tas-6 ta' Ottubru,1999; tas-27 ta' Marzu,2000; tad-29 ta' Mejju,2000 u tal-24 ta' Ottubru,2000;

Rat in-nota ta' l-atturi li permezz taghha ezebew l-affidavits taghhom flimkien ma' dokumenti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Frar,2001 fejn Dr Daniela Borg ghall-atturi ddikjarat li m'ghandhiex provi aktar;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ezebew l-affidavits taghhom u dak ta' Doris Borg;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Marzu, 2001 fejn Dr Mario Demarco ghall-konvenuti ddikjara li m'ghandux aktar provi;

Rat in-nota tal-konvenuti a fol 77 *et seq* tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Gunju, 2001 fejn xehdu Emanuel Borg, Carmen Borg u Doris Borg. Id-difensuri

talbu li jaghmlu nota u l-Qorti laqghet tali talba. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-23 ta' Ottubru,2001;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. AZZJONI ATTRICI.

Illi permezz tac-citazzjoni attrici l-atturi qed jivvantaw kreditu ta' Lm8,700 li allegatament jirrapresentaw bilanc ta' kreditu favur l-atturi fuq self u hlasijiet fl-interess tal-konvenuti filwaqt li min-naha l-ohra kien hemm xoghol ta' kostruzzjoni da parti tal-konvenuti.

Illi l-konvenuti min-naha taghhom eccepew illi l-atturi m'ghandhom jiehdu xejn minghand il-konvenuti u dan peress li m'hemm ebda pendenzi bejniethom,u dan peress li fid-dikjarazzjoni taghhom qed isostnu li l-istess ammonti inghataw mill-attur lill-konvenuti bhala kumpens ghax-xoghol li kienet ghamlet il-konvenuta meta kienet xebba u wkoll ghal xoghol li kien ghamel l-konvenut a baneficcju tal-atturi.

## B. PROVI PRODOTTI.

Illi fl-affidavit tieghu **Alfred Briffa** qal li Emanuel Borg jigi r-ragel ta' bintu Carmen u jahdem fix-xoghol tal-gebel. Huwa spjega li darba kien is-Sibt filghodu u l-konvenut mar ghandu u qallu li kellu bzonn jixtri *crane* ghax-xoghol tieghu u talbu biex isellfu l-flus. Skond ix-xhud dan Borg weghdu illi f'Mejju kien ser igib il-flus mill-Ingilterra u kien ser jaghtihomlu lura. Il-*crane* inxtara minghand Anthony Vella, id-direttur ta' Swaey Bros. Limited u dakinhar stess mar mieghu u hallas lil dan Vella permezz tac-cekk ezebit bhala Dok AB1 (fol. 26 tal-process) li nhareg fuq isem Vella. It-transfer kien ser isir wara.

Illi l-*crane* haduh fir-razzett tax-xhud peress li l-attur insista li jsir hekk sakemm ikun hemm it-transfer. Ftit jiem wara l-konvenut mar ir-razzett, - hu kellu c-cwievet - u ha l-*crane*. Briffa qal li apparti c-cekk ma ffirma xejn aktar rigward il-*crane*.

Illi huwa qal li l-ammont ta' Lm8,300 harighom mill-*overdraft facility* li kellu u b'hekk hallas hafna nteressi fuq dan l-ammont. Nonostante, li ix-xhud talab il-flus lura lill-konvenut meta wasal Mejju dan baqa' ma tahomlux u ghalhekk spiccaw il-Qorti. Inoltre' qal li c-*cekk* inhareg fuq Vella u mhux fuq il-konvenut peress li kellu intenzjoni li t-transfer isir fuq ismu, u wara kien jirranga ma' Borg bil-kitba quddiem Nutar. Dan, tant kemm ma kellux intenzjoni li jirregalalu l-*crane*.

Illi huwa qal li kien hemm okkazzjoni fejn dehru quddiem il-Magistrat Herrera u dakinhar il-konvenut ikkonferma illi kellu d-dejn mieghu u li kellu jaghtih dawn il-flus.

Illi l-istess attur sostna li Emanuel Borg kien ukoll ghamillu xi xoghol ta' bini izda dejjem hallsu b'*cekks*, apparti f'darba wahda tah l-ammont ta' Lm1,030 fi flus kontanti pero' rcevuta ma tahx.

Illi xehdet ukoll **Maria Concetta Briffa,** mart l-attur li spjegat li bintha l-konvenuta staqsietha jekk Alfred Briffa setax isellef flus lil zewgha sabiex jixtri *crane.* L-attur kien qalilha li kien se jirranga hu mal-konvenut u kien spjegalha l-arrangament li kienu waslu ghalih. Hi fil-fatt ikkoroborat ix-xhieda ta' zewgha. Il-konvenuti baqghu immorru ghandhom u ma semmew xejn fuq il-flus. Huma baqghu qatt ma tawhom lura l-flus. Hija ukoll ikkonfermat li quddiem il-Magistrat Herrera il-konvenut kien ammetta li kellu d-dejn mar-ragel taghha.

Illi ghalkemm hija sostniet li kienet talbet il-flus lura lil bintha, jew biex tkellem lil missierha li kellhom bzonn ftit zmien, Carmen Borg dejjem insistiet li ma kellha taghtih xejn. Hi sostniet li l-konvenut kien anki wara li dehru quddiem l-Imhallef Frank Camilleri accetta li jaghtih il-flus pero' mhux l-imghax. Inoltre' qalet li kwalunkwe xoghol ta' kostruzzjoni li ghamel il-konvenut lil zewgha dejjem thallas

tieghu. Fil-fatt huma ma setghux ma jhallsuhx peress li hu kien jahdem bi shab ma' huh Joe.

Illi fix-xhieda taghha **Carmen Borg** xehdet li l-attur huwa missierha. Hija spjegat *in extenso* li missierha kien waqqafha l-iskola meta kellha tnax-il sena biex tkun tista' tahdem kemm fil-forn kif ukoll fir-razzett tieghu. Hija baqghet tahdem dan ix-xoghol iebes sakemm kellha 24 sena. F'dawn is-snin kollha hi qatt ma thallset ghax-xoghol li kienet taghmel; pero' missierha dejjem kien iweghedha illi meta jkun f'sitwazzjoni finanzjarja komda huwa kien ihallasha tax-xoghol kollu li ghamlet. Dan sar anki fil-konfront ta' hutha l-ohra.

Illi hija kompliet tghid li f'Settembru 1996 zewgha xtaq jixtri *crane* ghax-xoghol tieghu peress li kien wegga' siequ. Darba wahda missierha kien ghandhom u sema' bix-xewqa ta' zewgha u qalilhom li dak iz-zmien kien mument tajjeb biex jibda jroddilhom dak li dejjem weghedhom. Huma marru flimkien biex jixtru l-*crane* u apparti c-*cekk* ghall-*crane* hareg ukoll cekk iehor fuq isimha ta' Lm1,700 ghax ried jaghtiha s-somma globali ta' Lm10,000.

Illi x-xhud spjegat li f'April 1997 ohtha Doris kellha inkwiet ma' zewgha Jesmond u missierha, cioe' l-attur, kien hada kontra l-konvenut. Hi qalet li fl-4 ta' Gunju 1997 missierha cempel id-dar taghha u qalilha biex tghid lil zewgha l-konvenut biex l-ghada ma jqabbadx lil Jesmond ghax hu kien bi hsiebu jaghtih xeba. Hi avzat kemm lir-ragel taghha

kif ukoll lil ohtha. Huma ma qalu xejn minn dan lil Jesmond; izda fil-5 ta' Gunju missierha mar fejn kienu qed jahdmu u tah xeba quddiem kulhadd. Il-konvenut mar izomm lil missierha u dan ta' l-ahhar heddu li ser ipattijielu. Il-pulizija sejhulu dakinhar u fid-19 ta' Gunju 1997 tellawh jixhed il-Qorti. Skond ix-xhud l-attur ma hax pjacir bid-deposizzjoni moghtija minn zewgha u minn dakinhar ir-relazzjonijiet tajbin ta' bejniethom gew imhassra. Dakinhar filghaxija missierha cempel lil zewgha irrabjat, qallu li ser ipattijilu bl-ahrax u li ried flusu lura. Zewgha nsista li ma kellu jaghtih xejn.

Illi l-konvenuta semmiet li missierha kien anki kkompensa lil hutha.Lil ohtha Annabelle kien xtralha karozza ftit xhur qabel ma xtralhom il-*crane*. Ftit snin qabel lil ohtha Doris hu kien ta Lm2000 u kien qalilha li dik is-somma kienet parti mill-hlas li kien weghedha. Wara li ohtha rrangat ma zewgha missierha kisirha maghha. Wara dan kollu hutha l-ohra gharfu illi meta missierhom tahom sehemhom ghal xogholhom huma jaghmlu dan b'forma ta' kitba. Hi ezebiet dokumenti f'dan ir-rigward.

In kontro-ezami qablet li l-kuntratti tad-donazzjonijiet ezebiti huma datati 1998. Irrizulta li missierha tatu *stroke* u kellu jieqaf jahdem u kwindi kellu jbiegh in-negozju. F'dokument minnhom irrizulta li t-transfer sar b'kundizzjoni li l-atturi jgawdu huma dik il-proprjeta'. Hija nnegat li missierha kien ihallasha b'deheb ghax-xoghol li ghamlitlu. Hi qalet li missierha kien wieghed lilha u lil hutha li kif izarma mix-

xoghol kien se jtihom Lm25,000 kull wiehed; u l-flus tahom lil tnejn minnhom. Inoltre' qalet li wara l-affidavit ommha cemplitilha biex tnehhih.

Illi l-konvenut **Emmanuel Borg** beda billi qal li f'Settembru 1996 missier martu mar mieghu biex jixtrilu *crane* bhala parti minn kumpens li kien wieghed lil martu ghax-xoghol li kienet ghamlet mieghu fil-forn u fir-razzett. Huwa fil-fatt ghamel referenza ghal donazzjonijiet li l-attur ghamel lil hutha l-ohra ghall-istess skop cioe' talli kienu jghinuh.

Illi huwa spjega li kellu relazzjonijiet tajba hafna ma' missier il-mara, u apparti li kien ighinu fir-razzett sikwit ghamillu xogholijiet tal-gebel. San-1996 kien jahdem ma' huh bi shab u hlief ghax-xogholijiet kbar ma kienx jehodlu flus. Irrefera ghad-dokumenti ezebiti minn Briffa (Dok."A". "B" 4,5, u 6) u qal li dawn kienu ghal xogholijiet li ghamillu.Fin-1993 xtraw ghalqa flimkien bit-tama li jaghmlu negozju u fin-1994 hadu razzett tat-tigieg u kienu jrabbu l-flieles flimkien. Huma kienu jhallsu lil xulxin l-ispejjez u jaqsmu l-profitti. Dok.EB1,2 u 3 ezebiti minnu jirrapprezentaw ezempji ta' hlas relatati mal-flieles. Fil-bidu tan-1996 waqfu peress li l-kumpanija li kritilhom ir-razzett haditu lura. Huwa qal li Briffa dejjem hadem b'cekk u qatt ma hallsu fi flus kontanti.

Illi l-konvenut xehed ukoll li fin-1996 kien wegga' saqajh u b'hekk ried jixtri *crane.* L-attur kien ghandhom u qalilhom li kien wasal iz-zmien fejn kien aktar komdu finanzjarjament

u ghalhekk xtaq jghaddilhom Lm10,000 bhala tpattija tax-xoghol kollu li martu kienet ghamlet mieghu meta kienet tfajla. Minn dan l-ammont il-konvenut kellu jithallas ukoll dak li kien fadallu jtih ta' xoghol li kien qed jaghmillu fil-garage. Hu kien hariglu cekk ta' Lm1,500 (Dok."AB 8") bhala akkont u kien fadallu jtih Lm2,637.33.Hu accetta u hekk ghamlu. Peress li l-*crane* kien jiswa Lm8,300 l-attur hareg ukoll cekk ta' Lm1,700 (Dok.AB7) fuq isem bintu Carmen. Bejniethom qatt ma kien sar ftehim ta' self; kif ukoll li ma kellux flus l-Ingilterra.

Illi f'April 1997 oht martu Doris kellha nkwiet ma' zewgha Jesmond u l-attur hada kontrih.Jesmond gieli kien jahdem mal-konvenut fil-gebel u fl-4 ta' Gunju 1997 il-mara tieghu qaltlu li missierha kien cempel biex ma jhaddimx lil Jesmond mieghu u li l-ghada kien ser imur itih xeba.Fil-fatt l-ghada Briffa mar fuq il-post tax-xoghal taghhom u qabez fuq Jesmond minn wara u beda jtih,u l-konvenut u siehbu marru jaqilghuh minn fuqu u dak il-hin Alfred Briffa dar fuqu bil-mus f'idejh u qallu *"jiena u int irridu nithaddtu wkoll"*. Sussegwentement tela' jixhed il-Qorti. Minn dakinhar ix-xhud isostni li l-attur beda jheddu li kien ser ipattihielu u li ried il-flus lura, u l-affarijiet tant hzienu li waslu biex jaghmlulhom garanzija l-Qorti.

In kontro-ezami qal li Alfred Briffa dejjem hareg cekkijiet fuq ismu jew fuq martu b'eccezzjoni ghall-hlas tal-*crane*.Huwa nnega li dan ic-cekk sar b'dan il-mod biex l-attur jidher hu fuq it-transfer tal-*crane* u peress li kien hemm self. Anzi

ghax hu qallu li *"mhux xorta billi naghmlu fuqu?"* bhal ma' ghamel il-karozza li xtara lit-tifla tieghu Annabelle. Huwa qal li ma kienx jaf minn fejn hargu l-flus pero' l-attur dejjem kien ighidilhom li kien se jhallasha talli hadmet mieghu. Baqa' jinsisti li ma kien hemm ebda ftehim bejniethom ta' self. Qal li hu dejjem thallas tax-xoghol li kien ghamillu b'cekkijiet u qatt b'cash. Ix-xhud ma qabilx li l-attur talbu l-flus qabel ma kien xehed fil-kawza. Qal illi l-attur ma marx ghall-festa tal-pracett tat-tifel Ryan fil-31 ta' Mejju peress li kien diga kellu xi jghid ma' Jesmond u l-konvenuta kienet kellmet lil missierha fuq tali nkwiet biex tirranghom pero' qalilha biex ma tindahalx u li ma riedx jaf biha aktar.Wara l-affidavit cemplet omm il-konvenuta thedded.

Xehdet ukoll **Doris Borg**, bint l-atturi, li ddikjarat ukoll li bhal hutha l-ohra kellha tohrog mill-iskola fil-Form 2 biex tghin lill-genituri fir-razzett u fil-forn. Hija spjegat li missierha qatt ma kien ihallashom sold ghax-xoghol iebes pero' dejjem kien weghedhom illi meta jkun f'sitwazzjoni finanzjarja ahjar kien ser ihallashom lura tax-xoghol kollu li kienu ghamlu mieghu.

Hi qalet li fis-sena 1993 hi u zewgha xtaqu jixtru karozza u kellhom bzonn Lm2,000. Hija talbet lil missierha biex jislifhom il-flus imma missierha qalilhom li kien se jatihomlha bhala parti mill-hlas tax-xoghol li kienet ghamlet mieghu. Fin-1996 missierha xtara karozza lil ohtha Annabelle; u ghamel l-istess mal-konvenuti billi xtralhom il-*crane*. Hi kompliet billi xehedet li f'April 1997 kellha

problemi ma' zewgha u meta kienu qed jikkorispondu bejn l-avukati ghal separazzjoni l-attur qal lill-avukat taghha biex titlob lil Jesmond lura l-flus tal-karozza. Fl-affidavit imbaghad kompliet tghid dwar l-incident bejn zewgha u bejn missierha. Inoltre' kompliet li sakemm il-konvenut xehed dwar il-kaz ta' missierha ir-relazzjonijiet kienu tajbin bejn il-partijiet fil-kawza.Qalet ukoll li hi kienet ghamlet zmien telqet mid-dar u marret tghix mal-genituri taghha. F'dawk ix-xhur kienet tisma' lil missierha jghid li kien irrabjat ghal Emanuel talli xehed kontrih u kien ighid li kien ser ipattijielu billi johodlu lura l-flus li kien tah. Meta imbaghad irrangat ma' zewgha huwa kisirha minn maghha u ghalkemm dejjem kien ighidilha li kien se jhallasha baqa' ma ta xejn. Mentri fil-kaz ta' hutha l-ohra kkompensahom permezz ta' donazzjonijiet ezebiti fil-process.

In kontro-ezami qablet illi missierha kien ta karozza u kien talab il-flus minghand zewgha biex jaghtihom lilha peress li l-flus kienu ntenzjonati biex ihallasha tax-xoghol.Hi qalet li hu minnu li llum hi miggielda minn mal-genituri taghha u li missierha ma talabhiex lura l-flus li kien ta. Pero' meta talabhom lil zewgha biddel il-versjoni li l-flus kien sellifhomlu u mhux tahomlu.

Wara li sar l-affidavit qalet li ommha cemplitilha u pretendiet li tichad kollox u hedditha li hi kienet qed tirsistilha ghall-wirt imma issa kienet se tghidlu biex jaqtaghha minn kollox. Ix-xhud qalet ukoll li meta kellha l-problemi mar-ragel damet erba' xhur maghhom pero' hi

kienet ittihom Lm15 fil-gimgha u tixtri anki ghall-hajja.Il-genituri taghha ghamlulha t-tieg u l-hwejjeg.Hi sostniet li ghamlet tlett snin tahdem go fabbrika biex thallas id-dejn li kellha mal-bank. Qalet ukoll li qabel ma' Emanuel Borg xehed fil-kawza quddiem il-Magistrat ma kien hemm l-ebda nkwiet bejnu u bejn l-attur sa fejn taf hi. Illi rigward il-party tat-tifel Ryan il-genituri taghha ma marrux minhabba l-glied ma' zewgha Jesmond.

## C. Apprezzament tal-Provi.

Illi fil-kaz odjern m'hemm l-ebda dubju li l-flus ghaddew minghand l-attur a beneficcju tal-konvenut sabiex jinxtara l-*crane* li attwalment gie trasferit f'isem il-konvenut u li dan l-ammont hekk avvanzat mill-attur ma thallasx lura mill-konvenuti u fil-fatt il-pendenza odjerna tittratta dwar jekk tali ammont ghandux jigi mhallas lura lill-attur bhala hlas lura u rifuzzjoni tas-self, jew inkella li ma ghandu jigi mhallas lura l-ebda ammont stante li tali pagamant kien kumpens lill-konvenuti ghax-xoghol li l-istess konvenuti ghamlu a benifficcju tal-attur, l-konvenuta meta hija kienet xebba u l-konvenut ghal xoghol ta' bini.

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda dettaljata li jezistu zewg versjonijiet kompletament opposti dwar il-fatti li waslu ghall-vertenza odjerna, u f'cirkostanzi bhal dawn il-gudikant ghandu jara liema mill-istess zewg versjonijiet hija kredibbli u verosimili.

Illi wara li l-Qorti semghet ix-xhieda u ezaminat il-provi dokumentali ezebiti waslet ghall-konkluzjoni li l-versjoni tal-atturi hija ferm aktar kredibbli minn dik tal-konvenuti u dan ghas-segwenti ragunijiet

Illi fl-ewwel lok ghalkemm jidher li l-istess konvenut ghamel diversi xoghol lill-attur, dan dejjem thallas tal-istess permezz ta' pagamenti maghmula permezz ta' *cekks* u anke fi flus kontanti, tant li ma jirrizultax mill-provi prodotti li l-istess konvenut qatt ghamel xi interpellanza kontra l-attur sabiex ihallsu xi ammonti allegatament dovuti lilu. Illi da parte tax-xoghol li allegatement ghamlet l-konvenuta, la inghata qatt rendikont tal-istess xoghol, wisq inqas stima tal-istess, u la qatt saret ebda interpellazzjoni da parte tal-konvenuta fejn jidher li hija talbet xi somma minghand l-attur, jew almenu vvantat xi pretensjoni kwalunkwe kontra l-istess atturi, provi li kien dejjem oneru tal-istess konvenuti li jipprovaw stante l-allegazzjonijiet maghmula minnhom f'din il-kawza, u dan abbazi tal-principju li min jallega jrid jipprova.

Illi infatti ghal dak li jirrigwarda l-allegat xoghol tal-konvenut jirrizulta li ghalkemm ic-*cekk* in kwistjoni fl-ammont ta' Lm8,300 hareg favur A. Vella fis-7 ta' Settembru 1996, l-istess attur ghamel pagamenti ohra lill-konvenut kemm qabel l-istess data, kif jirrizulta mill-istess cekkijiet esebiti bhala Dok. "AB3" sa Dok. "AB 6" a fol. 27 tal-process, u kemm wara l-istess data kif jirrizulta wkoll mic-cekk tat-13

ta' Settembru 1996 esebit bhala Dok. "AB 7" a fol. 27 tal-process maghmula a favur l-konvenuta.

Illi fit-tieni lok jirrizulta ukoll mill-provi prodotti li c-cekk ghall-*crane* inhareg fuq isem Anthony Vella, u kien l-unika pagament li sar mill-attur mhux intestat fuq wiehed miz-zewg konvenuti u dan ghaliex kien hemm l-intiza li t-transfer tal-istess *crane* isir fuq l-istess attur u sussegwentement ikun hemm kitba bejn l-istess attur u l-konvenut. Dan ma sarx ghaliex il-konvenut qabad u ha l-*crane* minghand l-attur u mar u irranga kollox mal-venditur minghajr l-intervent tal-istess attur.

Illi fit-tielet lok jirrizulta li l-allegazzjonijiet tal-konvenuti qatt fl-opinjoni ta' din il-Qori ma gew ippruvati u dan stante li ghalkemm il-versjoni taghhom hija li huma ircevew l-ammont ta' Lm8,300 (rappresentanti tali hlas lill-A. Vella permezz tac-cekk tas-7 ta' Settembru 1996) u l-ammont ta' Lm1,700 imhallas permezz ta' cekk lill-konvenuta datata 13 ta' Settembru 1996, bhala hlas *"animo compensandi"* ghax-xoghol maghmul minnhom a benifcju tal-attur, kif sostnew anke fid-dikjarazzjoni taghhom a fol. 10 tal-process, ma jirrizultax li l-konvenuti qatt spejgaw kif wasslu ghal tali ammonti, stante li l-allegat xoghol li sar mill-konvenuta waqt li kienet xebba certament li qatt ma gie kwantifikat, u min-naha l-ohra ix-xoghol tal-konvenut sa dak in-nhar tal-hlas tal-ammont ta' Lm8,300 sabiex jinxtara l-istess *crane,* ma kienx iwassal ghal dak l-ammont, u dan huwa addirittura ammess mill-istess konvenut, li ma

esebixxa l-ebda rendikont tal-allegati xoghlijiet li ghamel li jwassal ghall-tali ammont.

Illi *di piu`* irrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li huwa wkoll korroborat mill-provi li sad-data meta inhareg l-istess cekk l-konvenut ma hareg l-ebda kontijiet sabiex jithallsu mill-attur, u kien wara biss l-istess pagament li inhargu stimi tal-valur ta' xogholijiet li ghamel l-konvenut, kif jirrizulta mid-dokumenti "EB6", "EB 7" u EB 8" esebiti a fol. 47, 48 u 49 tal-process datati rispettivament 20 ta' Novembru 1996, 20 ta' Mejju 1997, u 12 ta' Gunju 1997, u jidher anzi li sal-mument tad-data tal-hlas tas-somma ta' Lm8,300 sabiex jigi akkwistat il-*crane*, l-attur kien gja ghamel pagament ta' Lm1,500 fid-19 ta' Awissu 1996 (Dok. "AB 8") lill-konvenut bhala pagament akkont tal-istess xoghlijiet qabel tali stimi maghmula mill-konvenut, u dan apparti pagament iehor maghmul lill-konvenuta fl-ammont ta' Lm1,700 fit-13 ta' Settembru 1996 (DOK. "AB 7"). Fi kwalunkwe kaz l-ammonti ghall-valur ta' xoghol maghmula mill-konvenut ma jersqu bl-ebda mod ghall-ammont imhallas mill-attur sabiex il-konvenut jakkwista l-*crane* in kwistjoni. F'dan il-kuntest huwa rilevanti l-fatt li l-istess konvenut sostna li l-kont Dok. "AB 2" jirreferi ghall-kont "EB 8", meta fil-fatt ma hijiex indikata l-pagament tal-VAT fl-ammont ta' Lm154.50 li jidher li thallsu li jbiddel il-valur tax-xoghlijiet minn Lm1,030 ghall-Lm1,184.50.

Illi din il-versjoni tal-konvenuti ma tistax tigi accettata anke peress li fix-xhieda taghhom stess saru allegazzjonijiet li

mhux biss ma gewx ippruvati izda li addirittura inaqqsu l-kredibilita' tax-xhieda taghhom peress li mhux sostanzjati u addirittura kontradetti mill-provi prodotti. Illi hekk per ezempju l-konvenuti konsistentement allegaw li l-istess attur kien ghamel diversi promessi li huwa kien ser jikkompensa lill-konvenuta ghax-xoghol li ghamlet meta kienet xebba meta huwa jkun finanzjarment komdu, u apparti l-fatt li dan huwa kontestat mill-atturi, li jsostnu li huma dejjem ikkompensaw lill-binthom anke *'in kind',* mix-xhieda u mid-dokumenti esebiti (Dok. "DB 1" a fol.72 tal-process) jirrizulta li l-attur hareg ic-cekk ghall-*crane* kif ukoll dak ta' Lm1,700 mill-*overdraft facility* li huwa kellu mal-bank.

Illi huwa ghalhekk car u evidenti li l-istess attur ma kienx f'dak il-mument f'sitwazzjoni finanzjarja komda biex jaghti l-ammont imsemmi bhala donazjoni jew kumpens ghall-allegati xoghlijiet. Illi dan huwa ben differenti fir-rigward tad-donazzjonijiet moghtija lil tnejn minn uliedu l-ohra kif jidher mid-dokumenti esebiti (minn fol.37 sa fol.40 tal-process), peress li dawn saru t-tnejn fil-25 ta' Mejju 1998, meta jirrizulta anke mix-xhieda ta' Doris Borg li dan kien fiz-zmien meta l-attur kien marad u kellu jbiegh in-negozju tieghu u meta ovvjament ic-cirkostanzi kienu nbidlu. Inoltre' lanqas fl-istess donazzjonijiet, li in verita' ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-kawza odjerna ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-istess saru bhala forma ta' xi kumpens ghax-xoghol maghmul fir-razzett u l-forn tal-genituri taghhom kif allegat u mhux pruvat mill-konvenuti.

Illi dan qed jinghad apparti l-fatt li donnu b'dan it-tip ta' allegazzjonijiet u asserzjonijiet maghmula mill-konvenuti, anke b'riferenza ghall-istess donazzjonijet tal-attur ma uliedu (hut l-konvenuta) donnhom l-konvenuti qed isostnu li l-istess attur irregala jew ta l-istess ammont bhala donazzjoni lilhom ukoll, liema argument fl-opinjoni ta' din il-Qorti jimmillitta kontra t-tezi l-ohra tal-konvenuti li huma gew ikkompensati tax-xoghol li kull wiehed u wahda minnhom ghamlu, u dan iktar u iktar ikompli idajjef il-versjoni u l-kredibilita' tal-konvenuti, li qed jipprovaw manifestament li jgibu kull tip ta' skuza possibbli mbasta ma jhallsux l-ammont mahrug mill-attur a beneficcju taghhom.

Illi fl-ahhanett anke abbazi ta' kredibilita' l-allegazzjoni maghmula mill-konvenuti li l-attur effettivament ta lill-konvenuti bhala donazzjoni l-ammonti msemmija u wara biddel fehmtu b'pika minhabba li l-konvenut xehed kontrih f'kawza kriminali lanqas ma giet bl-ebda mod sostanzjata u ghalhekk tali asserzjoni tal-konvenuti m'ghandha ebda bazi legali u hija biss supposizzjoni tal-konvenuti. Anzi mill-provi prodotti jirrizulta li l-inkwiet bejn il-partijiet kien diga' beda qabel l-okkazzjoni meta l-konvenut ta x-xhieda tieghu fl-istess proceduri kriminali indikati fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Alfredo Briffa"** (Q.M. (CSH) 25 ta' Gunju 1999 – a fol. 59) fid-19 ta' Gunju 1997, u dan peress li l-atturi ma kienux marru ghall-*party* tal-precett ta' bin l-konvenuti li

sar fil-31 ta' Mejju 1997, u fi kliem l-istess konvenut innifsu dan ammetta li l-attur *"mieghu kien diga beda jaqta' ".*

Illi dan huwa ta' rilevenza partikolari meta wiehed iqies li l-versjoni tal-attur kienet li meta huwa hallas l-ammont ta' Lm8,300 fis-7 ta' Settembru 1996 sabiex l-istess konvenut ihallas ghall *crane* li xtara, l-ftehim kien li l-istess ammont kellu jithallas lura sa Mejju 1997 meta l-konvenut kellu jircievi, (kif qal lill-attur) xi flus minn barra. Issa dan jaqbel mal-perjodu fuq indikat, u jirrizulta mill-provi li l-istess attur f'Mejju 1997 kien gja talab r-rifuzzjoni tal-istess ammont ta' Lm8,300 bl-imghax relattiv lill-istess konvenut, u abbazi ta' dan kollu jirrizulta li certament dan in-nuqqas ta' hlas lura tal-konvenut lill-attur tal-ammont lilu misluf kienet wahda mir-ragunijiet ghaliex l-atturi ma attendewx ghall-festin tan-neputi taghhom, liema okkazjoni giet qabel d-data meta l-konvenut ta x-xhieda tieghu fil-proceduri kriminali indikati.

Illi ghalhekk lanqas fuq dan il-punt l-istess konvenuti ma huma kredibbli ghaliex ma jirrizultax li l-istess attur talab il-flus lura lill-konvenut minhabba ix-xhieda ta' dan ta' l-ahhar fil-kawza imsemmija, izda biss ghaliex l-konvenut kien obbliga ruhhu li jhallas l-istess ammont lilu misluf sal-istess terminu ta' Mejju 1997.

Illi ghalhekk jidher li l-allegazzjonijiet tal-atturi gew ippruvati ghalkemm mhux fl-ammont ta' Lm8,700 minnhom rikjest izda fl-ammont ta' Lm8,300 rappresentanti l-import ta' cekk datat 7 ta' Settembru 1996, li jirrapresenta somma mislufa

lill-konvenut sabiex dan ta' l-ahhar jakkwista *crane* minghand terzi, kif fil-fatt ghamel, liema ammont l-istess konvenut kellu jirrifondi lill-attur/i sa' Mejju 1997, izda baqa' inadempjenti, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fl-istess ammont, filwaqt li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom u qed jigu respinti.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti, **tilqa' t-talba attrici** biss ghall-ammont hawn indikat b'dan illi :-

(1) Tikkundanna lill-konvenuti ghall-pagament lill-atturi fis-somma ta' tmint elef u tlett mitt lira Maltin (Lm8,300) rapprezentant kreditu favur l-atturi fuq self u hlasijiet maghmula fl-interess tal-konvenuti.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-1 ta' Gunju 1997 sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**23 ta' Ottubru 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**23 ta' Ottubru 2001.**